MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 615/2000/1

**Avviz Nru 615/00  DM**

**Angelo Joseph u Pauline konjugi Said**

**vs**

**Angelo Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jizgumbra mill-ghalqa maghrufa bhala tax-Xoqqa u/jew ta’ Dun Gorg fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar ta’ cirka ta’ tlett itmiem li qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Marzu 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-valur lokatizzju l-atturi jiddikjaraw li dan hu taht il-Lm500.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Angelo Saliba fejn eccipixxa illi:-

1 Fl-ewwel lok, il-konvenut huwa mizzewweg u dawn il-proceduri gew istitwiti biss fil-konfront tieghu u ghalhekk proceduralment, din l-azzjoni hija nulla;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, il-konvenut ilu jippossjedi l-ghalqa de quo ghal snin twal u ghalhekk jispetta lill-atturi illi jressqu prova tat-titolu taghhom u n-nuqqas ta’ titolu tal-konvenut kif qed jigi allegat minnhom billi, fin-nuqqas, it-talba taghhom ghandha tigi michuda bl-ispejjez;
3 Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tul is-snin kemm ilu jippossjedi l-ghalqa, il-konvenut ghamel diversi benefikati fl-istess ghalqa u qatt ma sema’ xejn minghand hadd hlief ricentement meta kellmu l-attur;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita tal-proceduri istitwiti mill-konvenut billi jallega illi l-atturi kellhom jidderigu l-azzjoni taghhom fil-konfront tal-konvenut kif ukoll ta’ marthu.

Izda, apparti mill-fatt illi ma jirrizultax mill-provi illi l-konvenut huwa mizzewweg, l-azzjoni ezercitata mill-atturi ma tirrigwarda ebda dritt jew titolu tal-konvenut li gie akkwistat waqt iz-zwieg, izda l-azzjoni effettivament tippremetti nuqqas assolut ta’ xi titolu jew dritt li l-konvenut jista’ jippretendi li ghandhu dwar ir-raba in kwistjoni u ghalhekk l-atturi sewwa ezercitaw l-azzjoni fil-konfront tal-

konvenut wahdu, anke jekk dan huwa mizzewweg, peress illi l-okkupazzjoni abusiva ta' proprjeta ta' haddiehor ma taghti ebda drittijiet lill-kommunjoni tal-akkwisti li tista' tkun ezistenti bejn il-konjugi.

Ghalhekk il-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-prova tat-titolu tal-istess attur Angelo Joseph Said, dan issodisfa ampjament dan ir-rekwizit billi esibixxa kopja tar-ricerki dwar l-akkwisti tieghu fejn jirrizulta li kien akkwista r-raba in kwistjoni fil-31 ta' Marzu tal- 1978 meta l-art kienet giet illiberata a favur tieghu fis-subasta mizmuma mill-Qorti Civili f'dak il-jum.

Mill-provi prodotti dwar il-mertu il-partijiet jaqblu illi r-raba in kwistjoni kien originarjament moghti b'lokazzjoni lill-konjugi Carmelo u Pawla Saliba u li wara l-mewt taghhom il-qbiela ghaddiet esklussivament ghand binhom Rafel Saliba.

Kif jirrizulta mill-ktieb tal-ircevuti (esibit a fol 26 tal-process bhala dokument AX1) Rafel Saliba baqa' jhallas il-qbiela ghal din ir-raba sal-15 t'Awissu 1979 peress illi huwa miet f'dawk iz-zmienijiet. Wara l-mewt ta' Rafel Saliba hadd ma avvicina lis-sidien biex jiehu l-qbiela tar-raba in kwistjoni u hadd ma ghamel ebda tentativ illi jhallas il-qbiela bhala successur ta' Saliba.

Min-naha tieghu l-konvenut jsosstni illi huwa ha l-pussess tar-raba in kwistjoni wara l-mewt ta' Rafel Saliba u illi meta kien ghadu haj Raffael Saliba kien digia' qieghed jghinu fix-xoghol tar-raba.

Min-naha tieghu l-konvenut ma avvanza ebda pretensjoni illi huwa ghandu jitqies bhala "kerrej" li fuqhu ghaddiet il-qbiela wara l-mewt ta' Rafel Saliba bl-operat tal-Kapitolu 199 dwar it-Tigdid ta' Kiri tar-Raba izda jirrizulta wkoll illi l-istess Rafel Saliba miet guvni minghajr ulied u ghalhekk il-konvenut Angelo Saliba ma jistghax jikkwalifika bhala membru tal-familja tal-kerrej il-mejjet.

Ghaldaqstant Angelo Saliba ma pprova ebda titolu ghal raba in kwistjoni u ghalhekk ghandhu jitqies illi qed jokkupa l-istess raba minghajr titolu u abuzivament u t-talba attrici hija ghalhekk gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-ghalqa indikata fl-avviz ossia dik maghrufa bhala ta’ Xoqqa jew ta’ Dun Gorg fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar u ghal fini tal-izgumbrament qieghdha tiffissa t-terminu ta’ xahar mill-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------